MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 943/2005

**Mobisle Communications Limited C24655**

**Vs**

**Dan Music Agency u b'digriet tat-Tribunal tal-20 t'Ottubru, 2005
l-isem tas-socjeta' konvenuta ghandu jinqara "Dan Music Agency Limited (C33711)"**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm483.17c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta' konvenuta skond Client Contract Number 178807 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Lulju 2004 u Settembru 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm483.17c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------